MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Numru 116/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARRYL BORG**
**SPETTUR STEPHEN SALIBA**
**VS**
**BRADLEY CARABOTT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Bradley Carabott ta' 27 sena, bin Francis u Antonia nee' Ellul, mwieled Pieta' nhar it- 30 ta' Ottubru 1985, residenti 6, Triq il- Habs l- Antik, Birgu u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 540885M ;

Talli matul il- lejl ta' bejn it- 3 u l- 4 ta' Marzu 2012 gewwa Ta' Qali Attard, b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) ikkommetta serq ta’ mobile phone tal- ghamla Iphone, nuccali tal- vista tal- marka D&G u diversi oggetti ohra ghad- detriment ta’ Olwyn Jo saliba liema serq huwa kkwalifikat bil- hin u bil- valur li jiskorri €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.37;

2) talli ikkommetta serq ta’ mobile phone HTC u diversi oggetti ohra ghad- detriment ta’ Jessica Seguna liema serq huwa kkwalifikat bil- hin u bil- valur li jiskorri €232.94 izda mhux aktar minn €2,329.37;

3) talli ikkommetta serq ta’ mobile phone tal- ghamla Nokia ghad- detriment ta’ Christine Camilleri liema serq huwa kkwalifikat bil- hin u bil- valur li ma jiskorrix €232.94;

4) finalment talli fl- istess zminijiet u cirkostanzi, f’ dawn il- Gzejjer xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghar-raba’ imputazzjoni fi stadju ta’ provi difiza f’din il-kawza, wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi l-imputazzjonijiet ta’ serq kienu inghataw bhala alternattiva ghar-raba’, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom;

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation rigward l-imputat u l-piena li giet hekk rakkomandata ghall-imputat;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261(c), 261(f), 267, 270, 289 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati tar-raba’ imputazzjoni u ghaldaqstant tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal tlett (3) snin.
Tordna lill- imputat jaghmel servizz fil- komunita’ ghal mitt (100) siegha ai terminu tal- Artikolu 18 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------